**233. L-Onor Angelo Farrugia ppropona:-**

Li minħabba li fis-seduta parlamentari tat-2 ta' Mejju 2001, tal-Kamra tad-Deputati, ġew imqiegħda fuq il-Mejda ta' l-istess Kamra:

- Avviż Legali Nru 98 ta' l-2001 - Regolamenti ta' l-2001 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għall-Appelli dwar Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap 31);

- Avviż Legali Nru 99 ta' l-2001 - Regolamenti ta' l-2001 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għall-Preżentata ta' Atti Ġudizzjarji dwar Att dwar il-Protezzjoni ta' l-Antikitajiet (Kap 54);

- Avviż Legali Nru 100 ta' l-2001 - Regolamenti ta' l-2001 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għall-Preżentata ta' Atti Ġudizzjarji dwar Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili (Kap 55);

- Avviż Legali Nru 101 ta' l-2001 - Regolamenti ta' l-2001 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għall-Preżentata ta' Atti Ġudizzjarji dwar Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap 65);

- Avviż Legali Nru 102 ta' l-2001 - Regolamenti ta' l-2001 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għal Proċeduri bil-Miktub fuq Appelli dwar Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta (Kap 254);

- Avviż Legali Nru 103 ta' l-2001 - Regolamenti ta' l-2001 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għall-Preżentata ta' Atti Ġudizzjarji fuq Appelli dwar Att dwar Relazzjonijiet Indstrijali (Kap 266);

- Avviż Legali Nru 104 ta' l-2001 - Regolamenti ta' l-2001 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għall-Preżentata ta' Atti bil-Miktub f'konnessjoni ma'Appell dwar Att dwar l-Għaqdiet Kooperattivi (Kap 278);

- Avviż Legali Nru 105 ta' l-2001 - Regolamenti ta' l-2001 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għall-Preżentata ta' Atti Ġudizzjarji fuq Appelli dwar Att dwar is-Sigurta' Soċjali (Kap 318);

- Avviż Legali Nru 106 ta' l-2001 - Regolamenti ta' l-2001 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għall-Preżentata ta' Atti Ġudizzjarji fuq Appelli dwar Att dwar ix-Xandir (Kap 350);

- Avviż Legali Nru 107 ta' l-2001 - Regolamenti ta' l-2001 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għall-Preżentata ta' Appelli u Rikorsi lil Uffiċjali Reviżuri dwar Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap 354);

- Avviż Legali Nru 108 ta' l-2001 - Regolamenti ta' l-2001 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għall-Preżentata ta' Atti Ġudizzjarji fuq Appelli dwar Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp (Kap 356);

- Avviż Legali Nru 109 ta' l-2001 - Regolamenti ta' l-2001 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għall-Preżentata ta' Atti Ġudizzjarji fuq Appelli dwar Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap 364);

- Avviż Legali Nru 110 ta’ l-2001 - Regolamenti ta’ l-2001 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għall-Preżentata ta’ Atti Ġudizzjarji fuq Appelli dwar Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap 371);

- Avviż Legali Nru 111 ta’ l-2001 - Regolamenti ta’ l-2001 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għall-Preżentata ta’ Atti Ġudizzjarji fuq Appelli dwar Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap 372);

- Avviż Legali Nru 112 ta’ l-2001 - Regolamenti ta’ l-2001 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għall-Preżentata ta’ Atti Ġudizzjarji fuq Appelli dwar Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Proċedura ta’ Stralċ) (Kap 383);

- Avviż Legali Nru 113 ta’ l-2001 - Regolamenti ta’ l-2001 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għall-Preżentata ta’ Atti Ġudizzjarji fuq Appelli dwar Att biex jirregola t-Telekomunikazzjoni (Kap 399);

- Avviż Legali Nru 114 ta’ l-2001 - Regolamenti ta’ l-2001 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għall-Preżentata ta’ Atti Ġudizzjarji fuq Appelli dwar Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap 406);

- Avviż Legali Nru 115 ta’ l-2001 - Regolamenti ta’ l-2001 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għall-Preżentata ta’ Atti Ġudizzjarji fuq Appelli dwar Att dwar Servizzi ta’ l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta (Kap 409); u

- Avviż Legali Nru 116 ta’ l-2001 - Regolamenti ta’ l-2001 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għall-Preżentata ta’ Atti Ġudizzjarji dwar Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta’ Minuri.

Liema regolamenti kollha saru mill-Ministru tal-Ġustizzja u Gwern Lokali bil-ftehim mal-Ministru tal-Finanzi u billi:-

- Dawn ir-regolamenti fl-intier tagħhom bdew iseħħu b’effett mill-1 ta’ Mejju 2001 fejn fil-maġġoranza tal-każijiet se jiżdiedu b’mod esaġerat u astronomiku, dawk id-drittijiet fil-preżentazzjoni ta’ l-appell;

- Billi jidher b’mod ċar u bl-aktar mod manifest li dawn iż-żidiet mat-tariffi li diġa’ żdiedu fil-Qorti f’uħud mill-każijiet żdiedu b’eluf fil-mija uħud minnhom ukoll min tariffa nominali ta’ mhux aktar minn ħames liri għolew għal saħansitra mija u ħamsin lira f’ċertu każijiet, li żgur min huwa f’pożizzjoni baxxa fis-soċjeta’ u li baqagħlu r-rimedju ta’ l-appell fil-Qorti ma jkunx jista’ jikseb ġustizzja la darba ma jkunx f’pożizzjoni finanzjarja li minħabba dawn iż-żidiet ma jkunx jista’ jagħmel dan;

- Billi dawn iż-żidiet fid-drittijiet (tariffi ġodda) żgur sejrin jikkawżaw danni kbar soċjali fejn għal darba oħra qiegħda tiġi skussjata l-istess amministrazzjoni tal-ġustizzja;

- Peress li għal darb’oħra f’anqas minn seba’ xhur il-Gvern Nazzjonalista baqa’ jwebbes rasu u mhux jirrispetta d-drittijiet kollha soċjali tal-ħajja Maltija;

- U għal raġunijiet oħra li għandhom jiġu ttrattati b'mod mill-aktar serju f'dibattitu f'dan il-Parlament, u billi skond l-artiklu XI ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap 249), regolamenti li jsiru taħt xi liġi għandhom jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati, u jekk fi żmien 28 jum wara li jiġu hekk imqiegħda fil-Kamra tirriżolvi li għandhom jiġu annullati jew emendati dawn għandhom minnufih jieqfu mis-seħħ jew jiġu emendati skond il-każ iżda bla ħsara għal validita' ta' kull ħaġa li qabel tkun saret bis-saħħa tagħha jew għal għemil tar-regoli, regolamenti jew leġislazzjoni sussidjarja oħra ta' dik ix-xorta; u

- Għar-raġunijiet kollha indikati din il-Kamra jidhrilha li r-regolamenti hawn fuq kollha msemmija, id-dsatax-il Avviż Legali, m'għandhomx jiġu fis-seħħ.

Għaldaqstant dan il-Parlament jirrevoka, iħassar u jannulla l-avviżi legali 98 ta' l-2001 sa l-avviż legali 116 ta' l-2001 inkluż.

11.05.2001